



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' April 2015
(OR. en)

8457/15

SOC 279
EMPL 167

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 1)/KUNSILL

Nru dok. preċ.: 7183/15 SOC 176 EMPL 96

Suġġett: Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-ħaddiema

- Ħatra tas-Sur Salvatore MARRA, membru supplenti għall-Italja, minflok is-Sur Giuseppe CASUCCI, li rriżenja

1. Is-Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Giuseppe CASUCCI bħala membru supplenti tal-Kumitat ta' hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-impiegati (għall-Italja).
2. Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Italja nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2016:

Is-Sur Salvatore MARRA

CGIL

Tel + 39 8476449

Indirizz elettroniku: s.marra@cgil.it / segretariatoeuropa@cgil.it

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmaża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ḥaddiema, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

—————

DEĊIJONI TAL-KUNSILL
ta'
li tissostitwixxi membru supplenti
tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu.

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2014², il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2016.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Giuseppe CASUCCI, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-impiegati.
- (3) Il-Gvern tal-Italja ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
² ĠU C 338, 27.9.2014, p. 21.

Artikolu 1

Is-Sur Salvatore MARRA huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà tal-Moviment tal-Ħaddiema minflok is-Sur Giuseppe CASUCCI għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fl-24 ta' Settembru 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====